Numru 13,026

www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

Il-Ħamis, 19 ta' Jannar, 2012

€0.45

## Se titwaqqaf Qorti speċjalizzata fuq każi ta' droga

Il-Gvern qed jippjana li jwaqqaf Qorti speċjalizzata dwar każi ta' droga u dwar dan se jsir proċess ta' konsultazzjoni ma' diversi entitajiet fosthom il-ġudikatura, il-Kamra tal-Avukati, il-medjaturi, l-Aġenzija Appoġġ u s-Sedqa.

Dan thabbar mill-Ministru tal-Ġustizzja, il-Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja Chris Said meta lbieraħ filgħodu żar ix-xogħol fuq blokk bini ta' tmien sulari li jinsab bejn Triq id-Dejqa u Triq l-Ifran fil-Belt li qed jinbidel f'ċentru ġdid għall-ġudikatura u l-istaff tagħhom. Dan il-proġett qed isir mill-Gvern b'investiment ta' €1.75 miljun u se jipprovdi faċilitajiet aħjar minn fejn il-ġudikatura tista' taħdem. Il-ħsieb hu li dan il-bini li se jkun fih 29 uffiċċju, jingħaqad mal-bini tal-Qorti permezz ta' pont.

Chris Said, kien akkumpanjat minn Kevin Mahoney, id-Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' Malta u membri oħra tal-istaff tal-Qorti.

It-tieni fażi ta' dan il-proġett se tibda f'April li ġej u se tinkludi x-xogħol ta' elettriku, madum, tikħil u xogħol ieħor. Il-ħsieb hu li fil-bidu tas-sena d-dieħla x-xogħol jitlesta biex il-membri tal-ġudikatura u l-istaff tagħhom ikunu jistgħu jibdew jaħdmu minn dan iċ-ċentru l-ġdid. Mhux il-ġudikanti kollha se jibdew jaħdmu minn dan il-post il-ġdid, imma se jkun hemm madwar 20 u l-għażla ssir mill-Prim Imħallef.

għal paġna 4



l-Whip tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista David Agius jindirizza l-ġurnalisti fi tmiem il-laqgħa li saret ilbieraħ fid-Dar Ċentrali (Ritratt: Michael Ellul)

IL-MOZZJONI TA' SFIDUĊJA MRESSQA MINN JOSEPH MUSCAT

# Il-vot se jittieħed bħal-lum ġimgħa

### Għaxar sigħat u nofs ta' diskussjoni mifruxa fuq erba' seduti

Il-vot fuq il-mozzjoni ta' sfiduċja mressqa mill-Oppożizzjoni fil-Parlament se jittieħed nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar f'nofsinhar. Dan wara diskussjoni ta' madwar għaxar sigħat u nofs li se tkun qed jieħdu erba' seduti.

Id-dibattitu fuq il-mozzjoni se jibda nhar it-Tnejn li ġej filgħaxija u jkompli fis-seduti tat-Tlieta u l-Erbgħa filgħaxija, bil-Parlament jiltaqa' wkoll il-Ħamis filgħodu biex jagħlaq id-dibattitu, bil-vot jittieħed dakinhar fi tmiem is-seduta.

Dan il-qbil intlaħaq bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni f'laqgħa oħra tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra li saret ilbieraħ wara nofsinhar, ftit qabel mal-Parlament reġa' ltaqa' wara l-btajjel tal-festi. Dan jirrifletti l-pożizzjoni li ħa l-Grupp Parlamentari Nazzjonalista li aktar kmieni tul il-ġurnata ltaqa' u qabel fuq il-proċedura li għandha tittieħed f'dan id-dibattitu.

Iż-żewġ naħat tal-Kamra qablu fuq il-proċedura qabel bdiet il-laqgħa tal-kumitat li jirregola x-xogħol tal-parlament, it-tieni waħda fi spazju ta' tlett ijiem, u daħlu għal-laqgħa bil-ftehim maqbul bejniethom diġà. Fil-fatt il-kumitat dam inqas minn nofs siegħa jiddiskuti.

B'hekk, b'disa' sigħat ta' diskussjoni, issa d-deputati tal-Gvern se jkollhom iċ-ċans jitkellmu waqt id-dibattitu li se jkun mifrux fuq erba' seduti, u l-Oppożizzjoni se jkollha siegħa u nofs ċans, kif talbet hi stess.

għal paġna 9

## Ix-xogħol fuq il-Proġett Nazzjonali għall-Kontroll tal-Għargħar se jibda fi żmien qasir

Fi ftit ġimgħat se jibda x-xogħol fuq l-ewwel minn erba' komponenti tal-Proġett Nazzjonali għall-Kontroll tal-Għargħar li għandu l-mira li jtaffi l-problemi tal-għargħar ikkawżat mix-xita u fl-istess ħin iktar milli jirdoppja l-kapaċità tal-ħażna tal-ilma tax-xita fil-pajjiż.

Dan ħabbru lbieraħ il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali George Pullicino f'konferenza tal-aħbarijiet li fiha ġew spjegati d-diversi passi ta' dan il-proġett li se jkun kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Il-konferenza tal-aħbarijiet kienet indirizzata mill-Perit George Buhagiar li spjega kif il-proġett hu maqsum f'erba partijiet u hu amalgamat mal-proġett biex tiżdied il-ħażna tal-ilma tax-xita. Il-proġett jiffoka fuq l-iktar disa' lokalitajiet milquta f'Malta, li huma Birkirkara, l-Imsida, Ħal Balzan, il-Gżira, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, il-Marsa, Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn.

L-ilma tal-għargħar li jolqot lil dawn il-lokalitajiet jiġu minn erba' widien differenti, li huma il-Wied ta' Birkirkara, Wied Għollieqa, Wied il-Kbir u Wied il-Għajn. Il-problema se tiġi indirizzata fl-għeruq tagħha. Dan ifisser li se jiġu jkomplu mnaddfa l-widien biex iżommu iktar ilma u b'hekk dan ma jmurx għal fuq il-bliet u rħula. Is-sena li għaddiet ġew imnaddfa 12-il wied u seba' ġibjuni.

għal paġna 5



## Air Malta

Jintlaħaq ftehim mal-Union tal-Ekwipaġġ tal-Kabina fuq ir-ristrutturar

Ara paġna 5

## L-Italja

Tħassib li l-Costa Concordia jiżżerżaq fil-fond minħabba l-maltemp

Ara paġna 12

